Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 488 Awwissu 2017

## IL-PAPA FRANĠISKU
### Udjenza Ġenerali | *Pjazza San Pietru* | *L-Erbgħa 15 ta' April 2015*

Il-katekeżi tal-lum hi ddedikata lil aspett ċentrali tat-tema tal-familja: dak tad-don kbir li Alla għamel lill-bnedmin meta ħalaq ir-raġel u l-mara u s-sagrament taż-Żwieġ. Din il-katekeżi u li jmiss sa jkunu dwar id-differenza u l-kumplimentarjetà bejn ir-raġel u l-mara, li qegħdin fil-quċċata tal-ħolqien divin; it-tnejn ta' wara, imbagħad, ikunu fuq temi oħra taż-Żwieġ.

Nibdew b'kumment qasir dwar l-ewwel rakkont tal-ħolqien, fil-Ktieb tal-Ġenesi. Hawn naqraw li Alla, wara li ħalaq l-univers u l-essri kollha ħajjin, ħalaq il-kapulavur tiegħu, jiġifieri l-bniedem, li għamlu fuq ix-xbieha tiegħu stess: "fuq xbihat Alla ħalqu: raġel u mara ħalaqhom" (Ġen 1:27), hekk jgħid Ktieb il-Ġenesi.

U kif ilkol nafu, id-differenza sesswali hi preżenti f'ħafna xejriet tal-ħajja, fit-taraġ twil tal-ħajjin. Imma fir-raġel u fil-mara biss hi ġġorr fiha x-xbieha u s-sura ta' Alla: it-test Bibliku dan itennih tliet darbiet f'żewġ versi (26-27): raġel u mara huma maħluqin fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla. Dan jurina li mhux biss ir-raġel waħdu hu xbieha ta' Alla, mhux biss il-mara waħidha hi xbieha ta' Alla, imma anki r-raġel u l-mara, bħala koppja, huma xbieha ta' Alla. Id-differenza bejn raġel u mara mhix hemm għall-kuntrast, jew is-subordinazzjoni, imma għall-komunjoni u t-tnissil, dejjem fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla.

Dan tgħallimhulna l-istess esperjenza: biex insiru nafu sew lil xulxin u nikbru f'armonija bejnietna, il-bniedem għandu bżonn tar-reċiproċità bejn raġel u mara. Meta dan ma jseħħx, jidhru l-konsegwenzi. Aħna maħluqin biex nisimgħu u ngħinu lil xulxin. Nistgħu ngħidu li mingħajr l-għana reċiproku f'din ir-relazzjoni – fil-ħsieb u fl-għemil, fl-affetti u fix-xogħol, anki fil-fidi – it-tnejn li huma lanqas jistgħu jifhmu fil-fond xi jfisser ikunu raġel u mara.

Il-kultura moderna u kontemporanja fetħet spazji ġodda, libertajiet ġodda u wesgħat ġodda fejn jista' jistagħna l-għarfien ta' din id-differenza. Imma daħħlet ukoll bosta dubji u ħafna xettiċiżmu. Ngħidu aħna, jien nistaqsi jekk l-hekk imsejħa teorija tal-*gender* hix ukoll espressjoni ta' frustrazzjoni u ta' rassenjazzjoni, li timmira li teqred id-differenza sesswali għax m'għadhiex taf tikkonfronta ruħha magħha. Iva, qed nirriskjaw li nagħmlu pass lura. It-tneħħija tad-differenza, fil-fatt, hi l-problema, mhux is-soluzzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk iridu jsolvu l-problemi fir-relazzjoni tagħhom, ir-raġel u l-mara għandhom jitkellmu iżjed ma' xulxin, jisimgħu iżjed lil xulxin, isiru jafu iżjed wieħed lill-ieħor, jinħabbu iżjed. Iridu jittrattaw lil xulxin b'rispett u jikkoperaw bi ħbiberija. B'dawn il-punti bażilari umani, imwieżna mill-grazzja ta' Alla, hu possibbli li jfasslu l-għaqda tagħhom fiż-żwieġ u l-familja għall-ħajja kollha. Ir-rabta taż-żwieġ u tal-familja hi ħaġa serja, hi hekk għal kulħadd, u mhux biss għal min jemmen. Nixtieq nitlob lill-intellettwali biex ma jwarrbux din it-tema, bħallikieku saret sekondarja għall-impenn b'riżq soċjetà iżjed ħielsa u iżjed ġusta...

---

### IT-TLUGĦ FIS-SEMA TA' MARIJA VERĠNI

*"Bħalma Omm Ġesù fis-sema, fejn hi diġà fil-glorja bir-ruħ u l-ġisem, hija l-bidu u x-xbieha tal-Knisja kif għad tkun ipperfezzjonata fiż-żmien li ġej, hekk ukoll hija fuq din l-art, sakemm jasal jum il-Mulej (cf. 2Pt.3,10), bħal sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixja tiegħu lejn is-sema."* (Lumen Gentium, *68).*

---

### VELJA TAL-GHID TAL-ASSUNTA

Bħal kull sena, It-Tnejn filgħaxija, 14 ta' Awwissu, fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal- Madonna Ta' Pinu, ser tinżamm il-Velja tal-Għid tal-Assunta li tibda fit-8.00pm.

### MANIFESTAZZJONI MARJANA DJOĊESANA F'MARSALFORN

Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex ser jorganizza Manifestazzjoni Marjana favur « Ambjent Moralment Nadif » , f'dan ix-xahar ta' Awwissu.

**Data: It-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2017**
**Post: Marsalforn**
**Programm:**

**6.30pm:** Pellegrinaġġ mill-Knisja ta' San Pawl bl-istatwa djoċesana tal-Madonna ta' Fatima, waqt li jingħad ir-Rużarju sa Triq il-Wied.

**7.00pm:** Quddiesa preseduta minn Mons. Isqof Mario Grech.

| | |
|---|---|
| 1.It-Tlieta | San Alfons Marija de' Liguori, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Minn nofsinhar tal-lum sa nofsillejl ta' għada tista' tintrebaħ l-**Indulġenza tal-Porzjunkula** bi żjara f'xi knisja parrokkjali u/jew f'xi knisja tal-Franġiskani. |
| 1-9 | Pellegrinaġġ Djoċesan għal Fatima, il-Portugal. |
| 2.L-Erbgħa | San Pietru Ġiljan Eymard, Presbiteru. Tifkira. Jew San Ewsebju, Isqof ta' Verccelli. Tifkira.<br>L-14-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 4.Il-Ġimgħa | San Ġwann Marija Vianney, Presbiteru, Patrun tal-Kappillani u tas-saċerdoti. Tifkira (O).<br>L-Ewwel Gimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30pm). |
| 5.Is-Sibt | Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore. Tifkira.<br>L-Ewwel Sibt tax-xahar. Tqarbina Riparatriċi. / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **6.Il-Ħadd** | **It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. Festa.**<br>**Festa ta' San Ġużepp (Parroċċa Qala).** |
| 7.It-Tnejn | San Gejtanu, Presbiteru. Tifkira |
| 8.It-Tlieta | San Duminku, Presbiteru. Tifkira (O). |
| 9.L-Erbgħa | Santa Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein), Verġni u Martri. Patruna tal-Ewropa. Festa.<br>Il-15-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 10.Il-Ħamis | San Lawrenz, Djaknu u Martri. Festa. / BBQ għall-Katekisti. |
| 11.Il-Ġimgħa | Santa Kjara, Verġni. Tifkira (O). |
| 12.Is- Sibt | Santa Ġanna Franġiska de Chantal, Reliġjuża. Tifkira.<br>Griżma tal-Isqof għall-Emigranti (Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù - 5.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **13.Il-Ħadd** | Id-Dsatax-il Ħadd tas-Sena. Sena A. |
| 14.It-Tnejn | San Massimiljan Marija Kolbe, Prebiteru u Martri. Tifkira (O).<br>Vġili tat-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema.<br>Velja tal-Għid tal-Assunta fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu (8.00pm). Wara l-Velja, jitkompla l-Lejl mill-Moviment Ewkaristiku Djoċesan u jagħlaq b'Quddiesa f'nofsillejl. |
| **15.It-Tlieta** | **Solennità tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija,** Patruna speċjali tal-Belt Victoria u tad-Djoċesi ta' Għawdex u titular tal-Katidral. Festa kkmandata (Obbligu tal-Quddies).<br>**Festa ta' Santa Marija ( Parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex).** |
| 16.L-Erbgħa | San Stiefnu tal-Ungerija. Tifkira. / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja ( Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm). |
| 17.il-Ħamis | San Ġwann ta' Monte Marano. Tifkira. |
| 18.Il-Ġimgħa | Santa Elena, Imperatriċi. Tifkira. |
| 19.Is-Sibt | San Ġwann Eudes, Presbiteru. Tifkira.<br>Ir-4 Dehra tal-B.V.M. ta' Fatima. Fil-Knisja ta' Ħamet fis-6.00pm tibda l-Adorazzjoni, fis-7.00pm quddiesa bl-omelija u wara Pellegrinaġġ ta' Talb. / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **20. Il-Ħadd** | **Il- Għoxrin Hadd tas-Sena. Sena A.**<br>**Festa ta' Marija Assunta (Parroċċa Żebbuġ).** |
| 21. It-Tnejn. | San Piju X, Papa. Tifkira (O). |
| 22 It-Tlieta | Il-Verġni Mqaddsa Marija Reġina. Tifkira (O). |
| 23.L-Erbgħa | Santa Roża ta' Lima Verġni. Tifkira. |
| 24.Il-Ħamis | San Bartilmew, Appostlu. Festa. |
| 25.Il-Ġimgħa | San Ġużepp Calasanz, Presbiteru. Tifkira. Jew San Ludoviku. Tifkira.<br>**Manifestazzjoni Marjana Marsalforn (6.30pm: Pellegrinaġġ u Ružarju; 7.00pm quddiesa konċelebrata mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech).** |
| 26.Is-Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Knisja ta' San Pawl, Marsalforn (7.30-9.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **27. Il-Ħadd** | **Il-Wieħed u Għoxrin Hadd tas-Sena. Sena A.**<br>**Festa tal-Madonna ta' Loreto (Parroċċa Għajnsielem).** |
| 28.It-Tnejn | Festa ta' Santu Wistin (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria). |
| 29.It-tlieta | Il-Martirju ta' San Ġwann Battista. Tifkira (O). |